MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2015

Rikors Numru. 465/2014

**Joseph Mary Fenech bhala mandatarju specjali**

**ta' Malek A. Wefati**

**vs**

**Direttur Generali (Dwana)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur tal-1 ta' Awwissu 2014 ghal referenza kostituzzjonali in konnessjoni mal-procedimenti civili mehuda kontra d-Direttur Generali (Dwana) li hi l-vertenza quddiem din il-Qorti.

Il-kawza li waslet ghal din ir-referenza ghandha s-segwenti fatti. Fil-11 ta’ Mejju 2014 saret tfittxija abbord il-bastiment Morina proprjeta tal-attur u instabu sigaretti li fquhom ma thallas dazju. Fit-12 ta’ Mejju 2014 inharget nota ta’ qbid rigward il-bastiment ghal konfiska a bazi tal-artikoli 68(1), 69(1) u (2) tal-Kap. 37 Ordinanza dwar id-Dwana u artikolu 17 dwar id-Dazju tas-Sisa Kap. 382.

L-attur, a bazi tal-artikolu 72 tal-Kap. 37 ta’ avviz bil-miktub fit-13 ta’ Mejju 2014 li qed jikkontesta dan il-qbid u fit-terminu ta’ tletin jum mill avviz ta’ qbid skond l-istess artikolu ipprezenta kawza biex jigi dikjarat li dak il-vapur ma kellux jinqabad u jigi ordnat in rilaxx tieghu. Fil-fatt il-kawza infethet fid-29 ta’ Mejju 2014.

Sadattant fit-30 ta’ Mejju 2014, skond artikolu 72(4) tal-Kap. 37, il-bastiment gie rilaxxat u minflokkha saret garazija ta’ €200,000 cioe l-valur tal-vapur skond stima tal-istess Direttur Generali a favur id-Direttur Generali (Dwana) biex jaghmel tajjeb ghal pretensjoni tad-Direttur skond il-ligi tad-dwana.

Kienu ittiehdu proceduri kriminali kontra l-kaptan tal-vapur u terz fuq dawn is-sigaretti u l-kaptan ammetta l-akkuzi migjuba kontrih u b’sentenza tat-2 ta’ Gunju 2014 il-Qorti ordnat bhala kundanna, fost affarijiet ohra li l-garanzija tghaddi a favur il-Gvern ta’ Malta skond il-ligi. Fil-fatt il-garanzija maghmula favur id-Direttur Generali (Dwana) kien fiha kondizzjoni li l-garanzija tghaddi ghand id-Direttur fi kwalunkwe procediment mehud in konnessjoni mal-istess vertenza li tinqata’ favur il-porsekuzzjoni jew id-Direttur Generali.

L-eccezzjoni f’dawn il-proceduri civili hi li l-procediment civili hu ezawrit bil-konfiska tal-bastiment ossia l-garanzija li saret floku u ghalhekk ma ghadhiex proprjeta tal-attur. Dan wassal ghal rikors tal-attur fil-mori tal-proceduri civili biex issir refrenza kostituzzjonali. L-attur qed jissottometti li b’din l-eccezzjoni gie privat minn rimedju effettiv meta bhala persuna innocenti u estranja ghall-incident li tat lok ghal proceduri kriminali kontra terzi qed isofri konsegwenzi ingusti konsistenti f’ ksur ta’ drittijiet fondamentali. Hu jsejjes din is-sottomissjoni billi jghid li hemm ksur ta’ artikolu 1 Protokoll 1 cioe privazzjoni ta’ possediment minghajr mal-attur kellu l-opportunita li jiddefendi ruhu kontra l-konfiska jew jintervjeni fil-

proceduri kriminali kontra terzi bhala parti civili. Hu qed isostni li ma hemmx fair balance jew proporzjonalita bejn il-bzonn li jigu difizi l-interessi tal-kommunita ma' dawk individwali. Izid li a bazi tal-artikolu 72(2) u 28(1) tal-Kap. 37 il-Qorti Civili ma tistax taghti ordni li tkun inkompatibbli ma konfiska ordnata validitament u skond il-ligi minn Qorti ohra kompetenti b'sentenza li ghaddiet in gudikat. Dan inehhi kull rimedju effettiv disponibbli minn idejn l-attur.

l-attur qed jissottometti wkoll li l-konfiska illedilu d-dritt ta' smigh xieraq fi proceduri kriminali skond l-artikolu 6 tal-Kap. 319 peress illi fil-proceduri kirminali kontra l-kaptan ma inghata ebda opportunita jiddefendi l-pozizzjoni tieghu. Hemm in oltre konflitt bejn dak li jipprovdi l-artikolu 23 tal-Kap. 9 cioe li l-konfiska tal-corpus delicti ma issirx meta jigi pruvat li l-persuna li jkollha jedd fuq l-oggett ma tkunx hadet sehem fid-dritt u l-artikoli 68(1) tal-Kap. 37 u 17(2) tal-Kap. 382 li jipprovdu ghal konfiska bla ebda eccezzjoni jew rimedju ghas-sid li ma jkollux x'jaqsam mal-fatt illecitu. Ir-rimedju civili ghalhekk hu eskluz u dan gie konfermat fil-kawza Diane Holdings Limited et vs Kontrollur tad-Dwana (PA 1313/2011).

Hemm wkoll ksur tal-artikolu 13 tal-Kap. 319 fejn kull persuna li ghandha d-dirttijiet taghha ivvjolati ghandha dritt ghal rimedju effettiv quddiem awtorita nazzjonali. Dan ma jezistix ghax il-ligi tad-dwana u tad-dazju (Kap. 37 u 382) svestew lil Qorti Civili minn dan ir-rimedju li jista jinghata lil attur u ma hemm ebda rimedju iehor miftuh.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Il-kwistjoni fil-fehma tal-Qorti hi jekk l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut cioe li l-mertu hu ezawrit bil-konfiska ordnata mill-Qorti tal-Magistrati tal-vapur proprjeta tal-attur f'din il-vertenza timblokkax b'mod definittiv kull rimedju disponibbli ghall-attur, precizament bil-procediment civili mehud. Ir-risposta ta' din il-Qorti hi fin-negattiv. Fil-fehma tal-Qorti l-lanjanza tal-attur hi dwar ir-rimedju disponibbli u jekk dan in vista ta' dak li sehh fil-proceduri kriminali kontra terzi giex mcahhad lilu. Qabel ma tigi indagata, kunsidrata u deciza l-kawza civili tenut in konsiderazzjoni l-eccezzjoni preliminari tad-Direttur Generali (Dwana), ma jistax jinghad li l-attur ma ghandux rimedju civili effettiv ghat-talba tieghu. Wara kollox it-talba tieghu saret skond il-ligi, entro t-terminu preskritt mill-ligi fejn il-ligi stess taghti d-dritt lil attur

ghal rimedju kontra qbid bhal dan in kwistjoni, jekk jissusstu l-elementi favur l-attur biex jinvoka r-rimedju. Il-kwistjoni jidher li hi jekk il-konfiska maghmula mill-Qorti Kriminali fil-konfront ta' terzi hix ta' ostakolu definittiv ghat-talba attrici fil-forma maghmula f'din il-kawza. Dan jista' jigi determinat biss wara l-ezawriment tal-proceduri civili li qeghdin sub iudice quddiem din il-Qorti u mhux qabel, ghaliex jekk it-talba attrici hi fondata fil-fatt u ma jirrizultax ostakolu legali ghal rimedju billi jigi dikjarat l-procediment quddiem din il-Qorti ma jirrizultax ezawrit, allura ma jistax jinghad li l-attur ikun sofra xi pregudizzju konta d-drittijiet fondamentali tieghu. Invece jekk bhala fatt l-attur ma jippruvax it-talba tieghu biex jinvoka l-artikolu tal-ligi li taghtih id-dritt li jintavola l-kawza, ma jistax jivvanta lezjoni ghad-drittijiet tieghu ghax ebda dritt ma jissussti fil-konfront tieghu.

**Decide**

Ghahekk f'dan l-istadju il-Qorti tqis it-talba ghal referenza bhala intempestiva u prematura u kwindi frivola u vessatorja f'dan l-istadju. Spejjez bla taxxa.

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------